# FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR

## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Talba Nru: 302/2021 JG**

**Elsie Buhagiar [KI 231439M]**

**Vs**

**Elton Agius [KI 513488M]**

**Illum, it-30 ta' Diċembru 2022;**

**It-Tribunal;**

1. Ra dak li seħħ fis-seduti tat-28 ta' Jannar 2022, tat-3 ta' Mejju 2022, tat-13 ta' Lulju 2022 u l-aħħar seduta sussegwenti tad-29 ta' Settembru 2022 fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra dan it-Tribunal kien iddiferixxa dawn il-proċeduri *sine die*[1].

2. Iqis li skond l-artikolu 964(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, proċeduri hekk differiti *sine die* għandhom jitqiesu bħala deżerti sakemm ma jiġux appuntati mill-ġdid bil-mod kif trid il-liġi u fiż-żmien hemm

[1] A fol 15 tal-proċess.

indikat[2].

3. Ra li bl-emendi magħmula bl-Att XXXII tal-2021, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu, 2021 permezz tal-Avviż Legali 315 tal-2021, it-terminu perentorju indikat fl-artikolu rilevanti ġie mnaqqas minn sitt xhur għal tliet xhur;

4. Ra li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li sar xi rikors appożitu b'talba kif trid il-liġi, fi żmien tliet xhur mid-29 ta' Settembru 2022.

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 964(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qiegħed jiddikjara din il-kawża bħala li marret deżerta u b'hekk jordna t-tħassir tagħha minn fuq il-lista tiegħu.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru 2022.**

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[2] Dwar dan, it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edith Cachia et vs Mary Grech, (Rik Nru: 359/16/1)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-1 ta' Frar 2022.